**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Novembru 2019**

**Rikors Kongunt nru: 437/2019 AGV**

**AB ( ID nru: 220586 M)**
**U**
**CD ( ID nru: 103470A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt ta' AB u CD , fejn ppermew u talbu is-segwenti;

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar is- 16 ta' Awwissu 2014, hekk kif evidenzjat mil-anness estratt tal-Att taz-zwieg hawn immarkat bhala Dok MV 1;
2. Illi miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal u di fatti huma sseperaw de facto inqas minn sena wara li zzewwgu u minn dakinhar qatt ma regghu irrinkonciljaw;

3. Illi b’ kuntratt ippubblikat fl-attti tan-nutar James Grech, fis-17 ta’ Settembru 2019, liema kuntratt qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. MV 2, il-partijiet bonarjament isseparaw minn xulxin dan kollu wara li gew debitament awtorizzati mill-Qorti ta’ Malta b’ digriet numru 1943/2019 moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tat-22 ta’ Awwissu 2019;
4. Illi fil-kuntratt hekk ippubblikat gie dikjarat b’mod car, illi l-partijiet ilhom separati fil-fatt minn Marzu tas-sena 2015;
5. Illi r-rekwiziti ghall-prounzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta huma sodisfatti stante;
    1. Illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn 4 snin u dan kif dikjarat fil-paragrafu (d) tal-kuntratt tas-seperazzjoni;
    2. Illi ma hemm l-ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet li llum il-gurnata qed jghixu hajja totalment seperata minn xulxin;
    3. Ill ai termini tal-klawzola bin-numru 4 tal-fuq imsemmi kuntratt tas-seperazzjoni, hawn anness, il-partijiet iddekadew mill-obbligu tal-manteniment reciproku, ghalhekk l-ebda manteniment m’ hu dovut f’ dar-rigward.
    4. Illi minn daz-zwieg ma twieldux tfal, u ghadaqstant ma hemmx kwistjoni ta’ manteniment versu l-wild;

Illi ghal-finijiet tal-artikolu 66 B (1) (a)u (b) qed jigi rilevat li l-partijiet huma domiciljari f’ Malta u ghandhom residenza taghhom f’ Malta;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qori, joghgobha prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66 A et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie iccelebrat mill-partijiet fir-registru pubbliku, il-Belt Valletta, nhar is-16 ta' Awwissu 2014.
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju, u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**